**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 172**

L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fid-9.03 a.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli u s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Amanda Spiteri Grech kienu skużati.

L-Onor. Davina Sammut Hili kienet imsiefra fuq xogħol tal-partit.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Stanley Zammit kienu assenti.

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 171 li saret fl-14 ta' Novembru 2023 kienu konfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fid-9.31 a.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11281 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2556 Tabella li turi informazzjoni dwar toroq f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika biex isiru taħt ir-Rural Development Programme – European Agricultural Fund

for Rural Development għas-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12878; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2557 Lista ta' Liċenzji ta' Operaturi u n-numru ta' vetturi bil-pjanċi jispiċċaw bl-ittri "GY" u "LY" reġistrati magħhom, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13186; u

P.L. 2558 Dettalji ta' vetturi bil-pjanċi li jispiċċaw bl-ittri "GY" u "LY" maqsuma skont il-Liċenzja tal-Operatur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13187.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2559 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 13233 dwar salarji ta' persuni li jokkupaw Position of Trust fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali li ngħatat fis-seduta 171 tal-14 ta' Novembru 2023.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IS-SEBA' SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Il-Viċi President tal-Kumitati, l-Onor. Michael Farrugia, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 20 - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €74,933,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 20 - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT VIII - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €39,436,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot VIII - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Il-Viċi President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fid-9.35 a.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Toni Bezzina ressaq din l-Emenda:

**VOT 20 - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€105,985" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€105,982".

Delete the figure "€105,985" and substitute therefor the figure "€105,982".

Fil-11.04 a.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Janice Chetcuti u l-Onor. Ivan Castillo, għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Anton Refalo, għan-naħa tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2560 Tagħrif dwar pagamenti magħmula mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.

F'12.36 p.m., id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

Il-Kamra rriżumiet u d-Deputy Speaker irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**AĠĠORNAMENT**

F'12.37 p.m., il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**<u>It-Tmien Seduta Stabbilita - Ministeru għat-Turiżmu</u>**

Vot 32 - Ministeru għat-Turiżmu
Vot XV - Ministeru għat-Turiżmu – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

**MOZZJONIJIET**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Mozzjoni 192)

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Mozzjoni 193)

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għat-Turiżmu kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Il-Ministru Anton Refalo informa wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari setgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

F'12.38 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**